31982D0495

28.7.1982 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 219/52

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Lulju 1982

## fuq il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja fuq il-produzzjoni, il-marketing u l-kummerċ tal-manjoka

(82/495/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li stabbilixxa l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-*marketing* u l-kummerċ tal-manjoka huwa fl-interess kemm ta' parti kif ukoll ta' l-oħra,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja dwar il-produzzjoni, il-*marketing* u l-kummerċ tal-manjoka huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim li bih jorbot il-Komunità.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1982.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. OLESEN